**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 29 ta' Awwissu 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Caroline Fabri**
**VS**
**Gordon Albani**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gordon Albani ta' 31 sena, bin Godfrey u Josephine nee' Micallef, mwieled Pieta' fl-24 ta' Mejju 1984, jabita 10, Triq il-Baruni, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 258684M;

Talli fid-19 ta' Awwissu 2015 ghal habta tal-10.30 bil-lejl minn gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Giljan fi Triq Lapsi, San Giljan;

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx aktar minn €232.94 liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-hin ghad-dannu tal-Knisja Parrokkjali ta' San Giljan;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269(a), 270, 279(a) u 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**